**14 ta' Mejju, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph.Gulia B.A., LL.D., B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin) (Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Grazio *sive* Horace Spiteri

## Traffikar ta' Droga – Kompliċi – Xhud – Ammissibbiltà – *Entrapment*

*Għandha ssir għażla bejn min jittraffika fid-dorga u min jakkwistaha għall-użu tiegħu. Ikun hemm traffikar u kompliċità fit-traffikar meta xi ħadd ikun qiegħed jgħin biex id-droga titmexxa. Min jakkwista bil-ħsieb li juża' d-droga hu, u mhux li jmexxiha, ma jitqiesx kompliċi fit-traffikar.*

*Biex ikun hemm entrapment irid ikun hemm xi ħaġa attiva li torbot lill-Pulizija direttament ma' l-akkużat u li twassal lill-akkużat biex jagħmel dak li jkun għamel. Il-fatt li l-Pulizija tkun aktar attenta għax għandha informazzjoni li ser isir reat f'xi ħin determinat jew f'xi post partikolari ma jfissirx entrapment.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ta' l-4 ta' Novembru 1988, fl-ismijiet **il-Pulizija (Spt. Paul Debattista) *vs* Grazio *sive* Horace Spiteri** iben Carmelo mwieled iż-Żejtun fit-28 ta' Frar 1950 fuq l-Attijiet tal-kumpilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fit-28 ta' Lulju 1986 u matul dawn l-aħħar sentejn qabel it-28 ta' Lulju, 1986:

(a) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha;

(b) biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(d) (ċ) tal-Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta; talli huwa reċediv billi kien instab ħati ta' reat simili b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Frar 1980 li biha sabet lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikoli 8(d) u (e), 22 (2) (b) (i) tal-kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-imputat għal tnax-il xahar priġunerija u mitejn lira (Lm200) multa. *Inoltre* ordnat il-konfiska tad-dokumenti 8, 9, 15 jiġifieri l-flus kollha li jinsabu f'dawn id-dokumenti favur il-Gvern ta' Malta. Ordnat ukoll il-konfiska tad-drogi kollha elevati u li l-istess droga kkonfiskata tiġi distrutta taħt is-superviżjoni ta' Dr Anthony Abela Medici. Ordnat ukoll illi l-karozza tal-marka *Triumph Herald* bin-numru tar-reġistrazzjoni S – 2553 ma tiġix konfiskata billi dina hi proprjetà ta' Claire Forrest u mhux ta' l-imputat;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Grazio sive Horace Spiteri, mnejn l-aggravju jirriżulta li hu s-segwenti:

(1) Mill-kumpless tal-provi kollha prodotti kif ukoll mill-evalutazzjoni tal-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ jeżisti dubju serjissimu dwar kif il-pulizija investigat u mexxiet dan il-każ. Jeżisti dubju dettat mir-raġuni u l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha fil-grad rikjest mil-liġi;

(2) L-ewwel Qorti aċċettat it-teżi tad-difiża li l-esponenti ġie aggredit u msawwat mill-Pulizija. Hu stramb kif l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni dan il-fatt għall-finijiet ta' piena, però ma dehrilhiex li għandu jimpinġi fuq il-meritu tal-każ. Bl-akbar *rispett lejn* l-ewwel Qorti, hi osservat li "ma tistax tifhem il-bżonn li kien hemm għal dawn is-swat." L-ispjegazzjoni loġika, partikolarment meta s-swat sar wara li allegatament skond il-Pulizija nstabet il-ħaxixa u kienet ta' l-akkużat, li l-ħaxixa ma kienet bl-ebda mod konnessa ma' l-esponenti u li l-pulizija riedet tirrikorri għal konvinċiment fiżiku biex l-esponent jammetti. Min għandu l-provi u *skond il-Pulizija allegatament hemm sejba 'red handed'*, x'hemm bżonn ta' swat? Għaliex affidament fix-xhieda tal-pulizija dwar is-sejba tal-ħaxixa, meta l-istess Qorti qiegħda tiddikjara li dawn qed jgħidu ħaġa b'oħra dwar is-swat? Dan kollu jikkombaċja t-teżi tad-difiża li l-esponenti ma kellu xejn x'jaqsam ma' din is-sejba. Il-prova li l-esponenti ried jagħmel hi fuq grad ta' probabilità. Hu anke kurjuż kif il-pulizija li qed tallega li kellha każ magħluq, għamlet tfittxija fejn ħadet dokumenti esibiti li ma għandhom l-ebda rilevanza, kif Agius ittella' l-Qorti fi ftit żmien u ngħata *probation* biex sussegwentement tela' jixhed kontra l-esponenti;

(3) Bl-akbar rispett lejn l-ewwel Qorti, ma jaqbilx li Agius mhux kompliċi. Il-pulizija qed tallega li Agius u l-akkużat ftehmu biex jiltaqgħu fil-post tal-każ. Abbażi ta' dan it-teżi Agius kellu

*a common design*, fil-fatt ġie akkużat u kkundannat ta' pussess ta' droga u għalhekk hu mhux "akkwirent" biss iżda ukoll kompliċi fir-reat. F'kull każ l-esponenti jagħmel riferenza għall-aggravju li ġej, u l-argumentazzjoni ta' dan l-aggravju mhix aċċettazzjoni li Agius "akkwista jew xtara" xi droga mingħand l-akkużat, iżda hu argument biex juri li l-argumentazzjoni fis-sentenza hi żbaljata;

(4) Illi inoltre fl-umli fehma ta' l-esponenti dan seta' kien każ ta' *entrapment*, u d-difisa dan il-punt issollevatu, mhux għax kellha xi dmir li tipprova dan, iżda biex turi li l-każ m'għandu l-ebda spjegazzjoni loġika da parti tal-Pulizija, li kieku mhux hekk. Il-Pulizija qed tallega li kienet ilha tissorvelja dan il-post għal ġranet sħaħ, iżda f'dik il-ġurnata donnha tant kienet ċerta mill-posizzjoni tagħha li ġabet il-kelb, apparat ta' dawl u pulizija *under cover* li qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri;

(5) Illi l-esponent ġab ċerti provi ta' nies li kienu fuq il-post u juru l-veraċità tat-teżi tiegħu;

(6) Illi mingħajr preġudizzju, il-piena inflitta hi eċċessiva, meta l-ewwel Qorti ħadet l-element tas-swat in konsiderazzjoni. L-esponenti għadda minn martirju sew psikoloġiku kif ukoll fiżiku. *Di più* iż-żmien li baqa' detenut ma tteħidx in konsiderazzjoni. Illi l-flus li kellu fuqu l-esponenti, mingħajr preġudizzju għall-premess, ma kellhom l-ebda relevanza għall-każ u ma nġabet l-ebda prova ta' xi ness ta' kawżalità;

(7) Illi l-fatt li l-istess Qorti ddikjarat li l-karozza kienet ta' proprjetà ta' Claire Forrest loġikament juri li dak li nstab fiha seta' jew ma setax kien ta' l-esponenti. Apparti dan il-fatt

ġie ppruvat li l-karozza damet żmien għand *mechanics;*

Ittrattat ir-rikors ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

(1) Jekk hemmx dubju serjissimu dwar il-fatti tal-każ hija kwistjoni ta' apprezzament tal-fatti. Mill-apprezzament li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti jidher illi l-apprezzament ta' dik il-Qorti huwa ġustifikat;

(2) Il-fatt li kien hemm swat li mhu bl-ebda mod però marbut ma' l-innoċenza *o meno* ta' l-akkużat ma jwassalx biex naslu għal verdett ta' innoċenza ta' l-akkużat. Fil-fatt l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet indikat illi kienet tal-fehma li kellha ssir investigazzjoni ulterjuri u sewwa dwar is-swat biex jekk hemm lok ta' miżuri dixxplinarji kontra l-individwi li kienu responsabbli għal dak is-swat, ikunu jistgħu jittieħdu mill-awtoritajiet. fil-verbal tal-25 ta' Settembru 1989 hemm irreġistrat li l-investigazzjonijiet li l-Qorti kienet irrakkomandat kienu saru u li kienu terminati "u hija l-fehma ta' l-awtoritajiet li m'hemmx lok li jittieħdu passi kriminali kontra l-pulizija involuti";

(3) Dwar l-allegazzjoni li Carmelo Agius huwa kompliċi fil-każ u li konsegwentement ix-xiehda tiegħu għandha tkun skartata: Carmelo Agius kien il-persuna li kien qiegħed jakkwista mhux il-persuna li kienet qiegħda tmexxi jew tinnegozja jew tittraffika fil-materjal li kien qed jgħaddi minn id għal oħra. Din il-Qorti tifhem li għandha ssir distinzjoni jew għażla netta u ċara bejn min jinnegozja, imexxi jew jitraffika min-naħa, u min ikun qed jixtri jew jakkwista mill-oħra. Ikun hemm in-negozjar u l-

kompliċità fin-negozjar meta xi ħadd ikun qiegħed jgħin biex il-ħaġa tiġi spaċċjata, tiġi mmexxija, tiġi traffikata u mhux meta jkun qiegħed jakkwista. Min qiegħed jakkwista, qiegħed *jakkwista l-ħaġa bl-intendiment li jakkwistaha u mhux bl*-intendiment li jmexxi dik il-ħaġa li jkun qiegħed jakkwista;

(4) Li biex ikun hemm l-*entrapment*, irid ikun hemm xi ħaġa attiva li tikkomunika lil pulizija direttament ma' l-akkużat li twassal lill-akkużat biex jagħmel dak li fil-fatt ikun qiegħed jagħmel. Il-fatt li l-pulizija tagħmel attenzjoni akbar għax għandha informazzjoni li ser isir reat f'xi ħin determinat jew f'xi post partikolari ma jfissirx *entrapment;* ifisser sempliċiment li l-pulizija qiegħda taqdi d-doveri tagħha tajjeb u kif suppost kif għandha tagħmel. Terġa', li seta' kien hemm *entrapment* ma jwassalx biex jagħmel l-*entrapment* probabbli; jagħmlu biss possibbli u kif diġà din il-Qorti kellha l-okkażjoni tfisser f'diversi każi oħra, l-element ta' probabilità tat-teżi tad-difiża jrid ikun ippruvat li jwassal għall-probabilità u mhux sempliċiment għall-possibilità. Dwar il-ħruxija tal-piena huwa ovvju li l-ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx ir-reċidiva li twassal għal erba' snin priġunerija (art. 22(2) (b) (ii) ) iżda fiċ-ċirkostanzi, u din il-Qorti taqbel, fehmet li kellha tapplika l-massimu tal-priġunerija fejn ma hemmx ir-reċidiva (art. 22 (2) (b) (i) (Kap. 101) );

Jekk il-priġunerija fir-rigward ta' l-arrest preventiv tinqatax jew le, hija kwistjoni diskrezzjonali għall-Ewwel Onorabbli Qorti (art. 22 Kodiċi Kriminali (Kap. 9) ). Dak l-artikolu jipprovdi li l-Qorti "tista' tqis"; Dan ifisser li l-Qorti mhix obbligata li tqis. Issa mis-sentenza ma jirriżultax jekk il-Qorti qisetx jew le kif kellha l-fakoltà li tagħmel f'dan l-aspett, iżda fiċ-ċirkostanzi li l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx każ tar-reċidiva, din il-Qorti

tifhem li għamlet sew illi ma daħlitx biex taqta' l-perijodu ta' l-arrest preventiv, jekk u kemm kien hemm, minn piena li infliġġiet a termini tal-liġi;

Ikkunsidrat iktar li fil-mument tad-delitt il-karozza u l-*cannabis* fil-karozza kienu f'idejn l-akkużat, avolja l-karozza hija ta' Claire Forrest. Possibbli kif ġie argumentat illi allura l-frak in kwistjoni seta' ġie fil-pussess u l-proprjetà tal-karozza f'idejn Claire Forrest u mhux f'idejn l-akkużat, però din il-Qorti diġa fissret jekk ħaġa hix possibbli mhux bilfors jagħmilha probabbli; biex ħaġa ssir probabbli jrid ikun hemm xi ħaġa iktar mill-possibilità li twassal għal bniedem raġonevoli biex jiddeċiedi li għalkemm possibbli l-ħaġa hija probabbli. Inutli wieħed jgħid li ħaġa hija possibbli jekk ma jasalx biex jipprova ukoll li l-ħaġa hija probabbli. Huwa f'dik l-eventwalità illi l-akkużat ikun għamel il-bilanċ ta' provi fuq bażi ta' probabbiltà, altrimenti jkun għadu biss fuq bażi ta' bilanċ ta' possibilità li ma tistax tittieħed f'konsiderazzjoni għall-fini tal-ġudizzju;

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċidi li ma ssibx motiv għaliex għandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kemm f'dik lli hija ħtija kemm f'dik li hija piena u konsegwentement tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għal Gżira ta' Malta ta' l-4 ta' Novembru 1988, fl-ismijiet il-**Pulizija (Spt. Paul Debattista) *vs* Grazio *sive* Horace Spiteri.**